MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2756/1996/1

**Anthony Piscopo**

***-vs-***

**Charles Filletti;**
**U b'digriet tal-15 ta' Settembru 1997 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Michael Attard Company Limited, liema digriet gie revokat *contrario imperio* permezz ta' digriet iehor tal-5 ta' Lulju 1999**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut biegh lill-attur Peugeot 106 numru T-1213 versu l-prezz ta' Lm3400.00,0;

Premess illi din il-vettura ma kenitx tal-kwalita` pattwita u anzi kienet karozza li precedentement kienet tinkera meta fuq mistoqsija ta' l-attur il-konvenut kien iddikjara li din il-karozza qatt ma kienet karozza tal-kiri;

Premess illi l-konvenut ukoll qal lill-attur li l-karozza kienet ilha barra sentejn meta fil-fatt kienet ilha barra 4 snin u fil-fatt il-konvenut wera l-*logbook* tal-vettura xahrejn wara li hu gia kien ircieva l-prezz;

Premess illi ghalhekk ukoll hemm kaz ta' qerq da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur, u minghajr dan l-ingann l-attur ma kienx jixtri l-karozza;

Premess illi hemm ukoll zball rigward l-oggett ta' bejgh;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-karozza mibjugha mill-konvenut lill-attur Peugeot 106 numru T-1213 ma kenitx tal-kwalita` pattwita;

2. Tiddikjara li l-kunsens ta' l-attur kien gie karpit b'qerq peress illi l-konvenut ta assikurazzjoni lill-attur li l-karozza qatt ma kienet karozza tal-kiri, u li kienet ilha barra sentejn;

3. Tiddikjara li l-kuntratt sar bi zball ta' fatt li jaqa' fuq is-sentenza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim;

4. Tordna u tiddikjara li l-kuntratt li bih il-konvenut biegh il-karozza Peugeot 106 numru T-1213 lill-attur huwa null;

5. Tordna lill-konvenut ihallas lura lill-attur l-ammont ta' Lm3400.00,0 prezz imhallas ghall-istess karozza;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 1996; u bl-interessi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Gunju 1999, li permezz taghha giet sfilzata n-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata mill-konvenut tardivament;

Rat ukoll id-digriet tal-5 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu gie revokat *contrario imperio* id-digriet tal-15 ta' Settembru 1997 fejn saret il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Michael Attard Company Limited;

Rat id-digriet tal-21 ta' Jannar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti f'din il-kawza hi dik li temani mill-kompro-vendita` tal-vettura mixtrija mill-attur minghand il-konvenut kontumaci;

Kif stipulat fl-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili fost l-obbligi tieghu l-venditur ghandu dawk "li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha";

Minn naha tieghu, kif annovverat taht it-Titolu "Fuq il-Kunsinna", ix-xerrej hu koncess id-dritt li jaghzel <u>jew</u> "li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni", <u>jew</u> "li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit". (Artikolu 1390 tal-Kodici Civili). Tali rimedju konsentit lix-xerrej fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh huwa abbinat mas-sitwazzjoni fejn jirrizulta li l-oggett hu differenti minn dak appattwit "*avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*" ("**Comm. Michele Grima –vs- Neg.**

**Arturo Von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar 1884);

Ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna *in subjecta materia.* Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita` pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (**Vol. XII p 1; Vol. XXVI P I p 193; Vol. XXXII P I p 163; Vol. XXXIX P I p 250**, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata <u>wara</u> l-konsenja (**Vol. XX P I p 273; Vol. XXI P I p 399** u **Vol. XLIX P II p 955**);

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diacono –vs- Galea**" riportata a Vol. XVIII P III p 59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi ta' l-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma:-

I. il-premessa esplicita ta' xi kwalita` li l-kompratur kellu specjalment in mira;
u II. li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga;

Kompliet tghid illi jekk huwa jkun irceva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt;

Jirrizulta mill-att tac-citazzjoni illi l-attur qed jitlob ir-rizoluzzjoni kompleta tal-ftehim tal-bejgh fuq din il-bazi u mhux sempliciment talba ghal diminuzzjoni fil-prezz tal-vettura mixtrija. Huwa ghalhekk qed jipproponi l-azzjoni tieghu wara li kien gja ha konsenja tal-vettura u din giet registrata f'ismu fid-19 ta' April 1996;

Indipendentement minn dan l-aspett u cjoe jekk tali azzjoni fuq il-bazi tan-nuqqas tal-kwalita` pattwita hija possibbli, o meno, wara r-recezzjoni tal-vettura, hemm konsiderazzjonijiet ohra li jridu jsiru;

F'kaz li ghandu xebh mal-fattispeci f'din l-istanza, il-Qorti ta' l-Appell qalet dan:-

"Minn dan il-mument 'il quddiem l-attur kompratur kellu jaghzel bejn iz-zewg modi kif jipprocedi – jew jitlob li jhassar il-ftehim kollu, jikkonsenja l-vettura lill-konvenuti u jitlob ir-rifuzjoni ta' dak li hallas u anke d-danni, jew igieghel lill-konvenuti jimplementaw il-ftehim ... L-attur ghazel triq ohra – talab lill-Qorti biex tiddikjara li l-konvenuti mxew abuzivament u llegalment mieghu ... u ghalhekk ghandhom jaghtuh lura t-Lm800 li hallashom u waqaf hawn. Haga li ma setghetx proceduralment tirnexxi ghax f'idejh zamm il-vettura u ma jistax fil-haqq ikollu l-vettura u jiehu wkoll dak li hallas akkont ta' prezzha." – "**Robert Bond –vs- Austin Agius *et***", 16 ta' April 1993;

Kif emfasizzat ulterjorment mill-istess Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Nazzareno sive Ronnie Cauchi *et nomine* –vs- Joseph Baldacchino *et nomine***", 7 ta' Ottubru 1997, "ix-xerrej kellu allura f'sitwazzjoni bhal din jezimi ruhu minn kull responsabilita` billi jiddepozita l-oggetti mixtrija u minnu allegatament rifjutat taht l-awtorita` tal-Qorti appena gie konstatat illi l-oggett konsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita`, u dan jekk, f'dak il-kaz il-konvenuti, kellhom l-intenzjoni li jirrexxindu l-bejgh taht l-ewwel opzjoni ta' l-Artikolu 1390. Il-fatt li dan ma ghamluhx ipoggihom fil-posizzjoni li ma jistghux jezigu li l-kuntratt jigi rexxiss";

Ghal dan il-motiv ukoll ma jidherx li l-ewwel talba attrici in kwantu bazata fuq in-nuqqas tal-kwalita` pattwita tista' tirnexxi jew tigi akkolta. Dan apparti wkoll l-aspett illi bhala konsiderazzjoni ta' fatt ma jidherx li strettament ghandu konnessjoni partikolari mal-kwalita` ta' l-oggett *ut sic*. Pjuttost ghandhom rilevanza mill-punto di vista tal-kunsens ta' l-attur xerrej. Materja din li giet ukoll konsiderata fid-decizjoni fuq citata "Diacono –vs- Galea" a **Vol. XVIII P III p 59**. Infatti din id-decizjoni tindika r-rimedju ta' l-azzjoni tar-rexissjoni limitatament ghall-ipotesi ta' zball determinanti;

Allegazzjoni ta' zball bhal dan hi wkoll ipotizzata mill-attur fl-azzjoni odjerna, u anzi talba ohra tieghu dedotta hi diretta ghar-rexxissjoni tal-ftehim minhabbga zball u vizzju tal-kunsens minhabba qerq;

Kemm fic-citazzjoni kif ukoll fix-xhieda tieghu (fol. 53), l-attur jadduci in sostenn ta' l-azzjoni tieghu in kwantu fondata fuq l-izball u l-qerq dawn il-fatti:-

(i) li l-vettura kienet ilha barra erba' snin u mhux sentejn;

(ii) li precedentement il-karozza kienet tinkera bhala *self drive*;

Issa l-Artikolu 975(1) tal-Kapitolu 16 jippreciza li "l-izball dwar <u>il-fatt</u> ma jgibx in-nullita` hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim."

Fuq dan il-gurisprudenza taghna hi konkordi billi tirritjeni illi, biex jinvalida ftehim, l-izball irid ikun <u>sostanzjali</u> u <u>skuzabbli</u>;

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Spiridione Cauchi –vs- Amalia Borg *et***", Appell, 11 ta' Gunju 1992 gie rimarkat illi ghalkemm l-izbalji ta' natura soggettiva kkondizzjonaw il-kunsens ta' l-attur f'dak il-kaz "dawn ma jikkostitwux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita` preciza, il-kwalita` intrinsika ta' l-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt.";

Gie ritenut ukoll illi l-izball irid ikun ukoll determinanti jigifieri li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kienetx taghti l-kunsens kieku kienet taf il-verita` ("**Michael Cachia –vs- Dr. Frank X. Vassallo**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1961;

Inoltre biex l-izball ikun skuzabbli irid ikun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra, kif hekk qed jigi wkoll allegat mill-attur f'dan il-kaz. Ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli ("**Annunziata Busuttil –vs- Salvatore Busuttil**", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Novembru 1966;

Fil-kaz *de quo* ma jistax jitqies li l-izball lamentat kien wiehed skuzabbli. Skond l-istess attur "jiena kont fdajtu u ma nsistejtx izzejjed ghal log book peress li kien habib u kont fdajtu. Kieku kont naf ma kontx nixtriha jew kont noffri prezz anqas.";

Fil-fehma tal-Qorti meta l-attur ma hax il-briga li jezamina l-logbook jew jaghmel l-accertamenti l-ohra tieghu, qabel ma ha konsenja tal-vettura u hallas taghha, ix-xiri ghamlu, kif jghid il-**Vidari** ("Corso di Diretto Commerciale", Vol. III p 467) "*a rischio e pericolo suo*". Dan anke ghaliex ma messux qaghad fuq is-semplici dikjarazzjonijiet ta' min beghlu, u "*allora se egli si ingannera`, peggio per lui, ghiacche non dovrebbe imputare di proprio danno se non alla propria ignoranza o negligenza.*" Kif inghad tant tajjeb fis-sentenza "**Francis Penza –vs- John** Mallia", Appell, 6 ta' Mejju 1991, "l-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti mhix raguni ta' annullament ta' kuntratt.";

Anke allura minn din l-ottika l-kawza ta' l-attur tisfuggi in realta` ghat-teorika ta' l-izball;

L-attur ippremetta wkoll dejjem ghall-istess motivi fuq dedotti, illi l-kunsens tieghu kien gie karpit b'qerq;

A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta.";

Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;

Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat *scienter* raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "**Josephine Galea *et* –vs- AIC Walter Caruana Montaldo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u

garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih";

Dan jattalja mal-hsieb traccjat fis-sentenza "**Giovanni Farrugia Gay –vs- Emmanuele Farrugia Gay**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 fejn jinghad li "*occorre un elemento specifico costuito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente"*;

Naturalment kif jghid il-**Baudry**, "*nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla*";

Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi;

Jidher bil-wisq car minn dak ammess mill-istess attur illi hu rpoza l-fiducja tieghu fil-konvenut venditur. Jidher daqstant iehor pero` car illi l-attur, kif gja muri fuq, ma agixxiex b'mod prudenti. Ghall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruhu b'leggerezza ghamja. *Multo magis*, imbaghad, meta l-fatti kienu facilment accertabbli, kif hekk skopra tardivament wara l-akkwist;

Ikun tassew facli f'kazijiet konsimili kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza ta' l-allegata mala fede da parte ta' wiehed mill-kontraenti, il-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz;

Jghodd sew ghal kaz il-hsieb akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet "**G. Germani Mifsud *et nomine* –vs- Chierico F. Bonnici"**, Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1910:

"*... e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne`*

*difesa ... se non e` state impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita".*

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula ta' fatt u ta' dritt, dina l-Qorti tichad it-talbiet kollha ta' l-attur, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu minnu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------